

## L-ispiża tal-proċedimenti - Ċipru



### Qafas regolatorju li jirregola d-drittijiet tal-professjonijiet legali

Il-prattikanti legali mhumiex maqsumin f'kategoriji differenti fir-Repubblika ta' Ċipru (jiġifieri avukati fil-qrati inferjuri, avukati fil-qrati superjuri, u tipi oħrajn ta' avukati). Il-prattikanti legali kollha mniżżlin fir-Reġistru tal-Avukati għandhom jeddijiet indaqs li jidhru fil-qrati nazzjonali u li jipprattikaw il-liġi b'mod ġenerali. Dan japplika irrispettivament minn jekk avukat ikollux it-titolu ta' avukat fil-qrati inferjuri jew ta' avukat fil-qrati superjuri barra mill-pajjiż. It-terminu li jintuża għall-prattikanti legali kollha huwa dak ta' "avukat".

#### Avukati (Δικηγόροι)

Id-drittijiet għas-servizzi legali huma ffissati fuq il-bażi ta' skala ta' spejjeż tal-qrati approvata mill-Qorti Suprema (Ανώτατο Δικαστήριο).

Għas-servizzi ta' barra mill-qrati, hemm skali li jiffissaw id-dritt legali minimu.

Fiż-żewġ każijiet, l-avukat jista' jagħmel ftehim mal-klijent biex jingħata dritt oġhla.

Fil-każ tal-kawżi fil-qrati, dan irid jiġi ddikjarat b'mod uffiċjali.

Hemm żewġ kategoriji ta' bailiffs f'Ċipru:

1. Bailiffs tas-settur privat, li jikkonsenjaw dokumenti tal-qrati.
2. Bailiffs tal-qrati, li jkunu impjegati maċ-Ċivil u jkunu inkarigati biex jikkompletaw il-proċeduri ħalli jkunu infurzati s-sentenzi tal-qrati (eż. ordnijiet għall-qbid u għall-bejgħ ta' proprjetà mobbli).

Id-drittijiet għall-bailiffs tas-settur privat biex jikkonsenjaw id-dokumenti jiġu kkalkolati skont kemm ikun bogħod l-indirizz fejn trid issir il-konsenja.

Il-bailiffs tal-qrati huma impjegati maċ-Ċivil u jiġħallsu b'salarju kull xahar. Il-partijiet għall-kawż li jippreżentaw applikazzjoni biex jittieħdu miżuri ta' infurzar iħallsu t-taxxa tal-boll tal-Istat, li l-ammont tagħha huwa stabbilit fir-regoli tal-proċedura u li jiddependi mit-tip ta' miżura ta' infurzar u l-ammont li qed jipprovaw jiġbru.

#### Drittijiet preskritti

##### Drittijiet preskritti fi proċedimenti ċivili

##### Drittijiet preskritti għall-partijiet fi proċedimenti ċivili

L-ispejjeż inizjali għad-drittijiet tal-qrati huma preskritti fuq il-bażi tal-iskala tal-petizzjoni jew xi proċedura oħra u jiġħallsu meta tiġi ppreżentata l-petizzjoni. Id-drittijiet tal-qrati mhumiex preskritti bħala somma speċifika; huma jiddependu minn kif tipproċedi l-kawża u jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' skala approvata.

##### L-istadju tal-proċedimenti ċivili fejn iridu jiġħallsu d-drittijiet preskritti

L-ispejjeż inizjali għad-drittijiet tal-qrati jitħallsu meta tiġi ppreżentata l-petizzjoni.

#### **Drittijiet preskritti fi proċedimenti kriminali**

#### **Drittijiet preskritti għall-partijiet fi proċedimenti kriminali**

Jekk l-akkużat jinstab ħati, jista' jiġi ordnat iħallas l-ispiża tal-proċedimenti. Ġeneralment dan ikun evitat fejn tingħata sentenza ta' ħabs, f'liema każ l-ispejjeż jitħallsu mill-Istat, l-istess kif jiġri meta l-akkużat ma jinstabx ħati.

#### **L-istadju tal-proċedimenti kriminali fejn iridu jitħallsu d-drittijiet preskritti**

L-ispejjeż, ħlief għall-ispejjeż inizjali li jkunu diġà tħallsu fil-forma ta' taxa tal-boll meta tressqet il-kawża, jitħallsu fi tmiem il-proċedimenti.

#### **Drittijiet preskritti fi proċedimenti kostituzzjonali**

#### **Drittijiet preskritti għall-partijiet fi proċedimenti kostituzzjonali**

L-ispejjeż jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-iskala rilevanti.

#### **L-istadju tal-proċedimenti kostituzzjonali fejn iridu jitħallsu d-drittijiet preskritti**

Id-drittijiet jitħallsu fi tmiem il-proċedimenti, ħlief għall-ispejjeż tal-qrati, li jitħallsu meta jitressaq ir-rikors.

#### **Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn qabel mir-rappreżentanti legali**

#### **Drittijiet u obbligi tal-partijiet**

L-obbligi tal-avukati fil-konfront tal-klijenti huma elenkati fir-Regolamenti dwar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Avukati tal-2002 (Οι περί Δεοντολογίας των Δικηγόρων Κανονισμοί του 2002) (Gazzetta tal-Gvern tar-Repubblika, Anness C(1) Nru 237 tas-17.5.2002 (Att Amministrattiv Regulatorju 237/2002).

#### **Sorsi tal-ispejjeż**

#### **Fejn nista' nsib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż f'Ċipru?**

L-iktar sorsi tal-ispejjeż importanti huma elenkati fuq is-sit elettroniku tal-[Qorti Suprema](#).

L-informazzjoni tingħata bil-Grieg.

#### **Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?**

#### **Sit elettroniku disponibbli dwar informazzjoni dwar l-ispejjeż:**

Is-sit elettroniku tal-[Qorti Suprema](#).

#### **Fejn nista' nsib informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju li jieħdu l-proċeduri differenti?**

Tista' ssib statistiċi dwar ix-xogħol imwettaq mill-qrati tar-Repubblika ta' Ċipru fuq is-sit elettroniku tal-[Qorti Suprema](#) bil-Grieg u bl-[Ingliż](#).

#### **Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

#### **Kif nista' nikseb informazzjoni rilevanti?**

Id-drittijiet tal-avukat huma suġġetti għal VAT ta' 15%, sakemm l-avukat li jipprovdi s-servizzi jkun irreġistrat għall-finijiet tal-VAT.

#### **X'inh i r-rata applikabbli?**

Ir-rata tal-VAT hija ta' 15%.

#### **Għajjnuna Legali**

#### **Limitu tad-dħul applikabbli fi proċedimenti ċivili**

M'hemm l-ebda għajjnuna legali fil-proċedimenti ċivili.

#### **Limitu tad-dħul applikabbli fi proċedimenti kriminali għall-akkużati**

L-akkużati fi proċedimenti kriminali huma intitolati għal għajjnuna legali mingħajr ħlas jekk id-dñul tagħhom ma jkunx biżżejjed biex iħallsu s-servizzi ta' avukat u l-qorti tikkunsidra li l-għajjnuna legali mingħajr ħlas tkun fl-interessi tal-ġustizzja. M'hemm l-ebda limitu tad-dñul iddefinit minn qabel. Il-qorti teżamina l-applikazzjoni fuq il-bażi tal-evidenza kollha, inkluż rapport ippreparat mid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Għajjnuna Soċjali (Τμήμα Υπηρεσιών Κοινωνικής Ευμερίας) dwar id-dñul u r-rekwiżiti tal-akkużat.

#### **Limitu tad-dñul applikabbli fi proċedimenti kriminali għall-vittmi**

Ġeneralment, ma tkunx il-vittma tar-reat li tagħti bidu għal proċedimenti kriminali imma l-Istat, li jħallas l-ispejjeż rilevanti. Għalhekk, m'hemm l-ebda dispożizzjoni biex tkun ipprovduta għajjnuna legali mingħajr ħlas lill-vittmi.

#### **Kundizzjonijiet oħrajn sabiex tingħata l-għajjnuna legali għall-vittmi**

Ġeneralment, ma tkunx il-vittma tar-reat li tagħti bidu għal proċedimenti kriminali imma l-Istat, li jħallas l-ispejjeż rilevanti. Għalhekk, m'hemm l-ebda dispożizzjoni biex tkun ipprovduta għajjnuna legali mingħajr ħlas lill-vittmi.

#### **Kundizzjonijiet oħrajn sabiex tingħata l-għajjnuna legali għall-akkużati**

Skont il-leġiżlazzjoni rilevanti, ir-reat li jkun akkużat bih l-akkużat irid iġorr piena ta' sentenza ħabs ta' mill-inqas 12-il xahar sabiex l-akkużat jikkwalifika għall-għajjnuna legali. Madankollu, id-dispożizzjoni inkwistjoni għet ikkunsidrata bħala antikostituzzjonali u, għaldaqstant, wieħed għandu jassumi li l-faċilità ta' għajjnuna legali mingħajr ħlas teżisti fil-każijiet kollha.

#### **Meta għandha l-parti li tifflekk tħallas l-ispejjeż tal-parti li tirbaħ?**

Ġeneralment, il-parti li tifflekk tħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra, għalkemm il-kwistjoni tal-ispejjeż taqa' taħt id-diskrezzjoni tal-qorti, li tista' tordna mod ieħor.

#### **Links relatati**

[Drittijiet u spejjeż tal-qrati](#)

[Dejta statistika \(Grieg\)](#)

[Dejta statistika \(Ingliż\)](#)

#### **Dokumenti relatati**

[Ir-rapport ta' Ċipru fuq l-Istudju dwar it-Trasparenza tal-Ispejjeż](#)

---

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.

L-aħħar aġġornament: 23/07/2019